Fit-Tribunal Industrijali

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn
Geniev Zerafa

u

Phone Direct Ltd dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta.

Illum 27 ta' Lulju tas-sena 2007

nru2267/JB,

Decizjoni numru __________

Chairman Dr. Joseph P Bonnici.

Jesponi bir-rispett

Illi b rikors prezentat fl- 4 ta' April 2005 l-appellanti stqarret illi fis-19 Frar tas-sena 2005 ma setgetx tibqa tattendi ghax-xoghol minhabba ghagir tas-societa intimata liema terminazzjoni li kienet tikkonsisti constructive dismissal u allura mhux gustifikat skond il-ligi.

Fl-istqarrija taghha prezentata fit-12 ta' April tas-sena 2005 l-appellanti kkontendiet illi giet soggettata fuq il-post tax-xoghol ghal kliem u agir xejn dekoruz u fastidju sesswali da parti tal-management ta' l-istess kumpanija u allura kellha titlaq minn fuq il post tax-xoghol.

Ghal dawn ir ragunijiet talbet lil kumpanija biex taghtiha kumpens. Da parti taghha is-societa intimata fir-risposta prezentata fil-25 ta Mejju tas-sena 2005 irribattiet l-allegazzjonijiet ta' l-appellanti u allegat li inghatat rizenja ta' l-appellanti u ma kienet responsabbli bl-ebda mod u manjiera ghal istess ghagir ta' l-appellanti.

<u>Fatti u Xhieda</u>

Bhal fatti u xhieda prodotti f' dan il-kaz isir referenza ghal kwistjoni tax-xoghol fl-istess ismijiet pero f'numru 2277/JB dwar allegazzjoni ta l-allegat komportament u fastidju. Stante li dawn iz zewg rikorsi gew mismugha kontestwalment u l-provi kienu kompatibbli u accettabli ghaz zewg proceduriallura kienu apeslikabbli ghal-Lulju.

F dawk il-proceduri indikati u deciza illum stess is-societa intimata giet misjuba hajta l-appellanti inghatat fastidju fuq il-post tax-xoghol.Jinghad illi l-appellanti minhabba t-tali fastidju telqet minn fuq il-post tax-xoghol peress li ma setghetx tissaporti aktar u allura ghamlet il-proceduri odjerni.

Illi l-appellanti qed tibbaza l-allegazzjoni taghha fuq in-nozzjoni ta' "constructive dismissal "."Illi l-kuncett tal-constructive dismissal" ma jsibx suffragju legislattiv fis-sistema legali taghna izda gie impurtat mis-sistema Ingliz u gie applikat sia minn dan it-Tribunal u sia mill-Qrati Ordinarji Maltin.

Ghalkemm ma jidhirx specifikament fil-Kap 452 pero l-istess kuncett huwa accettabbli fil-kamp industrijali. L-awtur Ingliz Sewlyn fil-ktieb tieghu "Law Of Employment", (14$^{th}$ edition University Press) 2006 jiddefinixxi constructive dismissal bhala " where the employee himself terminates the contract with or without notice in circumstances where he is entitled to terminate without notice by reason of the employee's conduct,this is known as constructive dismissal. For although the employee's resigns,it is the employer's conduct which contribute the repudiation of the contract and the employee accepts that repudation by re signing. The employee must clearly indicate that he is treating the contract as been repudiated having by the employer and if he fails to do so by word or conduct he is not entitled to claim that he has been constructively dismissed".

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju tas-sena 2003 fil-kawza Carmelo Farrugia vs Alexandra Palace Hotel Ltd, "il-Qorti ddefiniet "constructive dismissal" bhala rizenja mill-impjieg ghal ragunijiet illi dak li jaghti x-xoghol jitqies bhal li kieku tkeccija. Ir-rizenja ta' l-impjegat ghandha titqies bhala tkeccija minghajr raguni valida".

Wahda mir-raguni anzi principali ta' nozzjoni ta "constructive dismissial" huwa fid-dover implicitu ta rispett reciproku bejn minn ihaddem u min jahdem. Fin-nuqqas tieghu jew fin-nuqqas ta' ezistenza tieghu jew azzjoni li l-azzjoni kellha immirata dak ir-rispett jammontaw ghal "constructive dismissal". Kif ukoll ta lingwagg ta'

uzu abbuziv u  hazin,ghagir offensiv u kondotta xejn dekoruza tal-pricincipal fuq ix-xoghol.

F dan is-sens isir referenza ghal kawza fl-ismijiet "Cavendish Hotels Ltd  vs Jesmond Beck "deciza mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fit 23 ta' Novembru tas-sena 2005.

B' dik is-sentenza gie stabbilit illi "dak li ghandu jinghata piz debitu huwa, l-fatt illi l-istess imgieba tal-principal fuq il-post tax-xoghol ma kinetx taspira ghal dik il-fiducja tant  necessarja f'relazzjoni ta' din ix-xorta biex l-impjegat jibqa jahdem f serenita".

Fil-kaz odjern tant ma kienx hemm dik is-serenita li l-appellanti minhabba l agir tal-kumpanija stess telqet minn fuq il-post tax-xoghol.

Kien fid-dover tas-societa' intimata illi tipprova li bil- "constructive dismissal" jew ir-rizenja fil-konfront ta' l-appellanti kienet wahda gusta. Fin-nuqqas ta' tali prova id-difiza ma setghtex tregi. Aktar u aktar in vista tad-decizjoni moghtija illum stess fil- kwistjoni tax-xoghol nru 2270 bejn l-istess partijiet.

"Constructive dismissal" fil-kuncett taghha tinvolvi ghadd ta' atti unilaterali da part tal-impjegat.In vista tal kommisjoni jew ommissjoni tal-principal u allura ghanda tigi interpretata bhala terminazzjoni forzata jew indotta sabiex l-impjegat jittermina l-impieg tieghu.

Il-haddiem ghandu kull dritt jigi rispettat  fid-dinjita tieghu minn min ihaddmu specjalment dak li qed ihaddmu huwa sid il-kumpanija stess, Sabiex tregi l-allegat esistenza tal- "constructive dismissal" in-nuqqas tal-principal ma ghandux ikun wiehed minuri. Dana gie soffermat fl-kawza fl-ismijiet William Saliba vs Dr. Louis Cassar Pullicino noe tad-9 ta' Mejju tas-sena 1997 (Qorti ta' L-Appell) u Jacqueline Higgins et,  Nee vs Joseph Galea, moghti fit-13 ta' Gunju 1997 fil-Prim Awla Qorti Civili kif ukoll fil-kas "Joe Sammut vs Malta International Airport" deciz fit-28 ta' Lulju tas-sena 2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Li huwa importanti f dawn l-indikazzjonijiet huwa in-nuqqas ta' principal li jara l-kundizzjonijiet tax-xoghol ikunu dawk ottimarji miftehma u il-ksur ta tali kundizzjonijiet u/jew nuqqas ta'

ottemperanza tal-kundizzjonijiet ikunu jintitolaw lil impjegat illi jekk iikun kostrett fi tali nuqqas illi jittermina l-impjieg tieghu u jiddipartixxi min fuq il- post ix-xoghol.

Din id-definizzjoni giet ricentament annunzjata mill-Qrati nostrali fil-kawzi fl-ismijiet "Sun Routesand Company Ltd vs Claire Zammit Cordina 25 ta' Jannar tas-sena 2002 u "Mizzi Ltd vs Michael Debono" (Qorti ta' l-Appell 2 ta' Lulju tas-sena 2003).

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza ta' l-ismijiet "Anthony Schavione vs Emmanuel Bajada noe ta' (1 ta' Frar tas-sena 1988). enuncjat illi meta l-imghallem jipprovdi ambjent ta' xoghol totalment differenti minn dawk miftema l-impjegat ikun intitulat li jirrifjuta l-imjieg moghti u jittermina l-istess impjieg.

Fl-kawza fl-ismjiiet Falcon Tours Ltd vs Marvin Mizzi moghtija Prim Awla tal-Qorti Civili fit-tmienja ta' Gunju tas-sena 2001 pero applikando jirrisprudenza ingliza stabbiliet illi l-kondotta ta' l-imghallem ghandha tkun diretta lejn ottemporanza centrali sostanzjali u fundamentali sabiex l-kuntratt tax-xoghol ta' bejn l-imghallem u l-impjegat jkun jista jregi.

Fin-nuqqas ma tkunx tista tezisti l-prezenza tal- "constructive dismissal". Issir referenza wkoll ghal-kawzi quddiem dawn it-Tribunali fl-ismijiet Konrad Sultana vs Burfen Operations Ltd tas-27 ta' Lulju tas-sena 1997 Michael Le Roze vs Burfen Operations Ltd fit-28 ta' Dicembru 1998. Fejn stabbilit illi irid ikun l-azzjoni u ommissjoni ta' min ihaddmu illi jikkrea ambjent ta xoghol tant dizmali u tant mhux accettabbli ghal impjegat illi l-impjegat ikollu dritt jittermina l-impieg tieghu mhux ghal ragunijiet illi jkunu kagunati mill-istess impjegat imma ikunu jkunu kagunati mill diretti u konsegwenti lejn l-istess principal.

Obiter ghandi jinghad illi dan il- kuncett ta "constructive dismissal" ghandu jigi darba ghal dejjem enuncjat b mod legislattiv sabiex ma jithallew l- ebda dubju kif jigi applikat.Dan il-kuncett ghalkemm t-Tribunali taghna segwew dak Ingliz u applikawh kif suppost ghal kundizzjonijiet lokali taghna, issa wasal il-mument illi dan il-kuncett issib post li jixraqlu f sistema legali nostrali jigi inkluz fl-istess Kapitlu 452.

<u>Likwidazzjoni kumpens</u>

Illi in vista tac-cirkostanzi kollha  tal-kaz,u wara li via l-artiklu 81 tal-Kap 452 it-Tribunal jiffissa is-somma ta elf lira Maltin (Lm 1000) (€2329.4) bhala kumpens pagabbli mis-societa intimata lil istess appellanti.

<u>Konkluzjoni</u>

Illi it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-vertenza billi jiddikjara illi ghalkemm l-impjegata qabdet u telqet minn fuq il-post tax-xoghol dan jikkostitwixxi "constructive dismissal" u allura t-terminazzjoni taghha ma kienetx wahda ghal raguni valida skond il-ligi u jikkundanna lis-societa intimata u thallas lil appellanti is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000)  (€2329.40).
Ai termini tal- Art 79, drittijiet jammontaw ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) (€158.23)

---

**Dr.Joseph P Bonnici**

**Chairman**